MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 866/2004

**Perry Limited (C 5492).**

**-vs-**

**Mary Rose Micallef.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-12 ta' Novembru, 2004 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuta kienet qabdet lis-socjeta attrici bhala "*estate agent*" sabiex issib il-bejgh tal-fond, bin-numru mitejn u sitta u mitejn u sebgha (206-207), Triq Carmel, Luqa kif jirrizulta minn "*Agency Agreement*" datat 12 ta' Gunju 2003 li kopja

tieghu hija hawn annessa bhala Dok “A”, fejn skond l-istess ftehim appuntat lis-socjeta attrici bhala agent u ftehmet u accettat *inter alia* illi jekk is-socjeta attrici issib il-bejgh tal-propjeta imsemmija hija tiehu kummissjoni ta’ 3½% fuq il-prezz globali tal-bejgh.

Illi permezz tal-hidma tas-socjeta attrici l-konvenuta dahlet f’konvenju ghall-bejgh tal-fond fuq imsemmi bil-prezz globali ta’ mitejn u hamest elef Liri Maltin (Lm205,000).

Illi l-att ta’ komprovendita relattiv ghal dan il-konvenju gie ippublikat fid-29 ta’ Ottubru 2004 fl-atti tan-Nutar Patricia Mallia, li kopja tieghu hija hawn annessa bhala Dok. “B” u ghalhekk is-socjeta attrici hija intitolata ghal kummissjoni ta’ 3½% fuq mitejn u hamest elef Liri Maltin (Lm205,000), kif indikat ukoll fl-istess att ta’ komprovendita’, ekwivalenti ghal sebat elef, mija u hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm7,175).

Illi s-socjeta attrici skontat il-kummissjoni ta’ sebat elef, mija u hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm7,175) b’mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm175) u ghalhekk hija dovuta lis-socjeta attrici, mill-konvenuta, kummissjoni ta’ sebat elef Liri Maltin (Lm7,000) u VAT fuq l-istess kummissjoi ekwivalenti ghal elf mitejn u sittin Liri Maltin (Lm1,260), b’kollox ammontanti ghas-somma ta’ tmint elef, mitejn u sittin Liri Maltin (Lm8,260).

Illi ghalkemm interpellata biex thallas l-konvenuta baqghet inadempjenti u s-socjeta attrici sabiex tikkawtela l-kreditu taghha ottjeniet l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 1966/04 kontra l-konvenuta.

Illi d-dejn tal-konvenuta fil-konfront tas-socjeta attrici huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici l-konvenuta m’ghandha l-ebda eccezzjoni valida x’taghti kontra din l-azzjoni.

Illi ghall-finijiet ta' l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) "*et sequitur*" tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) qieghed jigi hawn anness Affidavit tar-rapprezentant tas-socjeta attrici u mmarkat bhala Dok. "C".

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' L-Organizzzzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tiddikjara li l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici ghas-somma ta' tmint elef, mitejn u sittin Liri Maltin (Lm8,260) rapprezentanti sebat elef Liri Maltin (Lm7,000) bhala kummissjoni u elf mitejn u sittin Liri Maltin (Lm1,260) rapprezentanti VAT fuq l-istess kummissjoni; u

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmint elef, mitejn u sittin Liri Maltin (Lm8,260) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data tal-hlas effettiv;

4. Tordna l-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1966/04, kontra l-konvenuta, li tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Anthony Sciberras, I.D 203448(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fis-17 ta' Dicembru, 2004 li permezz taghha l-konvenuta eccepixxiet:

1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni attrici hija nulla u invalida fil-ligi in kwantu mahlufa minn persuna li ma

ghandhiex ir-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta' attrici u in kwantu l-prokura esibita mhijiex strument idoneu sabiex jinhatar rapprezentant gudizzjarju ta' socjeta' kummercjali.

2. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dana in kwantu s-servizzi moghtija mis-socjeta' attrici u li dwarhom qieghed jintalab il-hlas gew rezi in konnessjoni ma' inkarigu ikbar, liema inkarigu ma giex espletat mis-socjeta' attrici kif stipulat.

3. Illi l-konvenuta giet indotta tiffirma l-konvenju msemmi fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici b'qerq, raggiri u kaptazzjoni ezercitati fuqha mis-socjeta' attrici u/jew minn impjegat/i taghha, u b'agir tas-socjeta' attrici illi mar kontra l-ftehim li kien hemm ma' l-esponenti u l-inkarigu moghti lis-socjeta' attrici, bir-rizultat illi l-konvenuta soffriet danni ingenti u li dwarhom qed issir kontrotalba kontestwali.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta.

Rat l-atti l-ohra processwali komprizi n-noti ta' sottomisjonijiet.

Ikkunsidrat.

Illi l-konvenuta qed teccepixxi n-nullita' tac-citazzjoni billi d-dikjarazzjoni guramentata akkumpjanti c-citazzjoni giet mahlufa minn persuna (Anthony Sciberras) illi m'huwiex, skond l-istess konvenuta persuna awtorizzata skond il-Ligi biex tahlef id-dikjarazzjoni.

Il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tidhol fil-partikolarijiet jekk skond l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 il-persuna msemmija hijiex awtorizzata tahlef id-dikjarazzjoni ghas-semplici raguni li taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta' attrici illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Borg nomine vs Fenech deciza fl-14 ta' Novembru, 2002.

*Fil-konfront ta' terzi, kull agent li juri li ghandu awtorita' jagixxi f'isem il-mandant tieghu, ghandu jitqies li kellu l-awtorita' jaghmel dak l-att partikolari. Din fuq kollox hija regola li tipprotegi l-istess terzi ghax kif jghid l-awtur Pennington (Company Law 4th Edition 1979 Butterworths); 'The reason why the rule protects the outsider in these cases is that he has no means of ensuring that the conditions or the procedure prescribed by the Memorandum or articles have been adhered to. Kif ukoll Gower (Principles of Modern Company Law, 4th Edition 1979, Sweet & Maxwell) 'since under the Deed the Directors might have had authority, the third party was entitled to assume that in fact they had it'.*

Il-Qorti ghamlet ukoll riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fis-16 ta' Frar, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Borg vs Accountant General fejn intqal li '*l-konvenut m'ghandu ebda dritt jikkontesta l-awtorita' tar-rappresentant tal-kumpannija peress li din hija materja li tikkoncerna biss lil-kumpannija u l-azzjonisti taghha*'.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta; spejjes riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------